# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 257/2015**

Il-Pulizija

vs

**Anthony Scerri**

iben Vincent, imwieled Pieta', fis-16 ta' Gunju, 1955, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 479255(M)

Illum, 19 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Anthony Scerri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skont l-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-23 ta' Gunju, 2014 bhala bejjiegh permezz ta' vann bin-numru ta' registrazzjoni CAP 519 fi Triq San Tumas, Floriana, hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, offra li jipprovdi servizz lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali u/jew kotba tar-ricevuti fiskali kif maghruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda ta'

l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' 1998) u l-artikoli 51, 77(o), 81 u 82 ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra teighu u kkundannatu multa ta' tmien' mitt Euro (€800).

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony Scerri pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi tiddikjara l-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kwindi tilliberah skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

- illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat qed jishaq fuq l-innocenza tieghu.

- illi l-ufficjal tal-VAT, meta gie mistoqsi x'affarijiet kien qed ibiegh l-imputat, hu rrisponda li kien qed ibiegh hxejjex! Illi bhalma gie ndikat fil-parti tal-fatti, l-oggetti tal-bejgh ma kienux hxejjex liema nuqqas timmilita favur l-imputat u kontra x-xhud tal-prosekuzzjoni ghax wera nuqqas serju f'xogholu.

- illi mas-suespost li turi nuqqas ta' kredibilita minn naha tal-ufficjal tal-VAT, dan ta' l-ahhar xehed li kien sar bejgh qabel ma approcja l-imputat meta fil-fatt dan ma kienx veru! Illi bhalma gie spjegat, l-imputat kien ghadu kif wasal u kif hareg mill-vettura u fetah il-bieba tal-vann, hu f'dak il-punt li l-ufficcjal tal-VAT resaq lejn l-imputat.

- illi meta l-istess ufficjal gie mitlub ighid jekk ghamel notamenti ta' dawn il-fatti, hu rrisponda fin-negattiv. Illi allura kien qed jirrispondi ghad-domandi, billi qisu kien qed jitfa r-risposti ghal saqajha liema nuqqas ghandu jigi kunsidrat serju u favur l-imputat ghax jew il-fatti

johorgu b'mod serju u skont il-verita' jew le! Illi biex wiehed izid ma' dan in-nuqqas, meta gie mistoqsi jekk fil-fatt, ix-xerrej kien ragel jew mara, hu ma setx ighid lanqas!

- illi s-sitwazzjoni kkomplikat ruhha meta ma sar ebda bejgh. Illi la ma sarx bejgh, allura jirrizulta li ma giex ikkawzat reat ghax ma rrizultax il-bzonn li jigi ippuncjat il-cash register. Illi ghalhekk, qed jirrizulta b'mod car li l-elementi bazici ta' reat u cioe' ta' *actus reus* u *mens rea* kienu neqsin! Illi dan qed jinghad ghax kif wasal l-imputat bil-van u hareg mill-van, hu f'dak il-punt li l-ufficjal tal-VAT resaq lejn l-imputat u kif induna li halla l-cash register warajh, indika li jmur id-dar ghalih!

- illi ghalhekk, qed jigi sollevat li rrizulta dubbju serju u hemm il-principju ta' *in dubio pro reo*! Illi din apparti, anki mill-aspett ta' oggettivita', ebda kunsiderazzjoni u/jew possibilita' ma nghatat lill-imputat jekk kienx *'in good faith'* imma kull possibilita gie moghti lill-ufficjal tal-VAT fejn inqabad b'mod lampanti ma jghidtx il-verita mhux darba imma tlett (3) darbiet!

- illi s-suespost bl-ebda mod m'ghandu jigi kunsidrat bhala ezawrjenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz hu wiehed sommarja u gghalhekk ma saret ebda traskrizzjoni tax-xiehda moghtija. Ghalhekk, din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mill-provi prodotti mill-ufficjal tal-VAT jirrizulta li mix-xheda tieghu ma ghamel ebda spezzjoni fit-23 ta' Gunju, 2014 fi Triq San Tumas, Floriana. Mistoqsi dwar in-numru tar-

egiatrazzjoni tal-vettura, hu rrisponda li n-numru tar-registrazzjoni kien AAP 117 u mhux dak indikat fic-itazzjoni originali CAP 519.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz billi ma kien hemm ebda prova ohra din il-Qorti ghandha tiddecidi dan l-appell favur l-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell ta' Anthony Scerri.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lil Anthony Scerri minn kull htija u piena.